

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2010 — Allen vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-23/10)

(2010/C 161/93)

Lingwa tal-kawża: l-Inglijż

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' April 2010 — Kaskarelis vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-24/10)

(2010/C 161/94)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Finola Allen (Armação de Pera, il-Portugall) (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għal rikonoxximent ta' mard gravi.

**Talbiet tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti titlob lit-Tribunal jogħġibu jordna:

- l-annullament tad-deċiżjoni, tat-30 ta' Ġunju 2009, li tiċħad l-applikazzjoni tagħha għal rikonoxximent ta' mard gravi u, jekk meħtieġ, l-annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2009;
- jekk meħtieġ, l-annullament tad-deċiżjoni, tat-8 ta' Jannar 2010, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti;
- konsegwentement, ir-rikonoxximent ta' mard serju firrigward tal-marda tagħha kif deskritta fl-applikazzjoni tagħha tad-19 ta' Mejju, kif ikkompletata fit-2 ta' Lulju 2009, u kopertura kompleta sa mill-1 ta' Lulju 2009;
- sussidjarjament, kopertura mill-assigurazzjoni għall-mard sal-10 ta' Lulju 2009;
- il-ħlas ta' danni evalwati *ex aequo et bono* u fuq bażi provviżorja għal EUR 1;
- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Partijiet**

Rikorrenti: Loukas Kaskarelis (Auderghem, Il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li tirrifjuta lir-rikorrenti l-għoti tal-allowance ta' espatriazzjoni, tal-allowance ta' installazzjoni u tar-imbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar.

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ufficijju għall-Amministrazzjoni u l-Pagament ta' Drittijiet Individwali (PMO) li tirrifjuta l-għoti tal-allowance ta' espatriazzjoni, tal-allowance ta' installazzjoni u tar-imbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' impieg li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2010 — AG (\*) vs Il-Parlament**

(Kawża F-25/10)

(2010/C 161/95)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: AG (\*) (rappreżentanti: S. Rodriguez u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annnullament tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tar-rikorrenti wara t-tmiem tal-perijodu ta' prova kif ukoll il-kumpens għad-danni sostnuti.

(\*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunkfidenzialità.